

Omar Seguna



Bħal Nazaret żgħir u umli
dan ir-raħal tal-Kalkara.
Kemm fis-sliem u kemm fil-hemm
Int ħaristna bl-akbar ħrara.

Raħal ċkejken imma mżejjen
bil-ġmiel u l-qawwa tas-swar,
Il-baħar, bajja mill-isbaħ
Raba' bl-ilwien tal-inwar.

F'kull waqtiet iebsa tal-ħajja
Magħna mxejt int f'dan il-vjaġġ.
Għall-ħaddiema w għall-baħħara
Int kont l-għajn ta' kull kuraġġ.

Jekk f'temp qalil magħna bqajt
minkejja mewġ irvillat.
Taħt l-eħrex nar, l-eħrex bombi
bqajna sodi daqs il-blat.

Hemm kont dejjem Int tħarisna
met'għalina l'għadu ħebb.
Ejja nsellmu f'vuċi waħda
l-patrijarka San Ġużepp.

